**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 20 ta' Marzu 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR SHERONA BUHAGIAR)**

**VS**

**MATTHEW VASSALLO**
(K.I. 0432593M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Matthew Vassallo** ta' 31 sena, iben Marco Vassallo u Josienne nee' Sciberras mwieled il-Pietà nhar is-16 ta' Settembru, 1993, residenti ġewwa 37, Ave Maria, FL B, Triq Kottonera, Birgu u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 0432593M u akkużat:

Talli nhar id-19 ta' Marzu, 2025, fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel f'diversi ħinijiet, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Naqas milli jħares xi waħda mil-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia LL. D fosthom li ma' jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest fid-digriet datat nhar is-27 ta' Lulju, 2023 u/jew kif sussegwentament ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**U aktar talli nhar id-19 ta' Marzu, 2025, bejn it-20.00hrs u l-22.00hrs, ġewwa l-Birgu u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin;**

2. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil **missieru** u ċioè **Marco Vassallo** li kien qed jgħix fl-istess dar bħall-ħati, biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u ġab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil missieru Marco Vassallo biza';

3. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' missieru u ċioè **Marco Vassallo** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura ħafifa (salv kumplikazzjonijiet) fuq missieru Marco Vassallo hekk kif iċċertifikat minn Dr. Roderick Bonello (Med. Reg 4856);

4. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **Analyn Tambis Vassallo** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura ħafifa (salv kumplikazzjonijiet) fuq missieru Marco Vassallo hekk kif iċċertifikat minn Dr. Roderick Bonello (Med. Reg 4856);

**U aktar talli nhar is-26 ta' Frar, 2025, f'xi ħinijiet, ġewwa l-Birgu u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin;**

5. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Krimiali lil missieru u ċioè **Marco Vassallo** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

6. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, rrenda ruhu reċidiv b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma' jistgħux jinbidlu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Matthew Vassallo** a benefiċċju ta' Marco Vassallo u Analyn Tambis Vassallo u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll f'kaz ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Marco Vassallo u Analyn Tambis Vassallo jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Matthew Vassallo** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Matthew Vassallo** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi **Matthew Vassallo** sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi skont ma semgħet il-Qorti, il-parte ċivile Marco Vassallo huwa missier l-akkużat filwaqt li Analyn Tambia Vassallo hija l-mara ta' missier l-akkużat. Huma, flimkien mal-akkużat jirrisjedu fl-istess appartament. Jirriżulta li tul dawn il-ġimgħat l-akkużat

u l-parte ċivile kienu jitlewmu ta' sikwit u ġara li dakinhar tal-inċident *de quo* inħoloq battibekk fejn l-akkużat refa' jdejħ fuq il-parte ċivile. Skont l-akkużat, huwa kien qed jiddefendi lilu nnifsu mill-attakki ta' missieru. Bħala stat ta' fatt, madanakollu, il-parte ċivile irrikorrew iċ-ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid fejn it-tnejn li huma ġew ċertifikati li qed isofru minn ġrieħi ħfief.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din m'hijiex l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejh mal-liġi. Tqis ukoll li l-aġir tal-akkużat huwa intollerabbli u ebda persuna m'għandha terfa jdejha fuq persuna oħra, tkun xi tkun ir-raġuni. Min-naħa l-oħra, l-akkużat ikkowopera bis-sħiħ mal-pulizija u wera d-dispjaċir tiegħu fil-Qorti għal dak li ġara.

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li għalkemm il-piena għandha tkun waħda serja, m'għandhiex tkun waħda ta' inkarċerazzjoni effettiva għaliex tkun ta' aktar ħsara għall-akkużat milli ġid, inkluż minħabba l-fatt li l-Qorti semgħet li huwa jista' jitlef l-impjieg tiegħu jekk jisfa inkarċerat.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 202(h)(iii)(v), 214, 221(3), 222(1)(a), 251(3), 251H(a), 251HA u 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Matthew Vassallo** **<u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberaħ bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien **<u>sentejn</u>** mid-data ta' din is-sentenza.

Inoltre, il-Qorti qed timponi Ordni ta' Trażżin fuq l-akkużat ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali a favur ta' Marco Vassallo u Analyn Tambia Vassallo għal żmien tlett snin mil-lum u dan skont id-digriet mogħti kontestwalment;

Illi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tikkonfiska is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) mid-Digriet tal-Għoti tal-Ħelsien mill-Arrest datat is-27 ta' Lulju 2023 erogat mill-Maġistrat Dr Nadine Lia LL.D iżda m'hijiex qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-akkużat.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li huwa jifhem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom ikun instab ħati.

Illi finalment, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma ġew ipprovati ebda danni subiti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**